VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,186, 20 ta' Diċembru, 2013
Taqsima B

A.L. 449 tal-2013

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ L-*INCOME* (KAP. 123)

Ordni tal-2013 dwar Skambju ta' Informazzjoni (Materja ta' Taxxa) (Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Macao tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Cina)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 76 tal-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2013 dwar Skambju ta' Informazzjoni (Materja ta' Taxxa) (Ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Macao tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina).

Arranġamenti jkollhom effett.

2. B'dan qiegħed jiġi dikjarat:

(a) illi l-arranġamenti speċifikati fil-Ftehim muri fl-iSkeda li tinsab ma' dan l-Ordni saru mal-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Macao tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina bl-iskop ta' prevenzjoni ta' evażjoni fiskali dwar taxxi ta' kull xorta u deskrizzjoni imposti bil-liġijiet tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Macao tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina;

(b) illi huwa spedjenti li dawk l-arranġamenti għandu jkollhom effett wara li jidħol fis-seħħ il-Ftehim u skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim;

(ċ) illi l-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li tkun mħabbra b'avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

VERŻJONI ELETTRONIKA

SKEDA

Artikolu 2

FTEHIM
BEJN
IL-GVERN TA' MALTA
U L-GVERN TAR-REĠJUN AMMINISTRATTIV SPEĊJALI TA' MACAO
TAR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA
GĦALL-ISKAMBJU TA' INFORMAZZJONI
DWAR MATERJA TA' TAXXA

IL-GVERN TA' MALTA U L-GVERN TAR-REĠJUN AMMINISTRATTIV SPEĊJALI TA' MACAO TAR-REPUBBLIKA TAL-POPLU TAĊ-ĊINA

BILLI jixtiequ jiffaċilitaw l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' taxxi, ftehmu kif ġej:

Artikolu 1

Għan u skop tal-Ftehim

L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti għandhom jipprovdu assistenza permezz tal-iskambju ta' informazzjoni li tkun prevedibbilment rilevanti għall-amministrazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet interni tal-Partijiet Kontraenti dwar it-taxxi koperti b'dan il-Ftehim. Din l-informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni li tkun prevedibbilment rilevanti biex tiġi stabbilita, stmata jew miġbura din it-taxxa, l-irkupru u l-infurzar ta' talbiet ta' taxxa, jew l-investigazzjoni jew il-prosekuzzjoni ta' materja ta' taxxa. L-informazzjoni għandha tkun skambjata skont id-disposizzjonijiet ta' dan il-Ftehim u għandha tkun trattata bħala kunfidenzjali bil-mod provdut fl-Artikolu 8. Id-drittijiet u s-salvagwardji assikurati lil persuni bil-liġijiet jew bil-prattika amministrattiva tal-Parti mitluba jibqgħu japplikaw sakemm dawn ma jkunux indebitament jipprevjenu jew idewwmu l-iskambju effettiv ta' informazzjoni.

Artikolu 2

Ġurisdizzjoni

Parti mitluba m'għandha ebda obbligu li tipprovdi xi informazzjoni li la jkollhom l-awtoritajiet tagħha lanqas ma tkun fil-pussess jew il-kontroll ta' persuni li jkunu jinsabu fil-ġurisdizzjoni tagħha.

Artikolu 3

Taxxi Koperti

1. It-taxxi li huma suġġetti għal dan il-Ftehim huma taxxi ta' kull xorta u

VERŻJONI ELETTRONIKA

deskrizzjoni imposti fil-Partijiet Kontraenti.

2. Dan il-Ftehim għandu jkun japplika wkoll għal kull taxxa identika jew taxxi sostanzjalment simili imposti wara d-data meta jiġi ffirmat il-Ftehim b'żieda ma' jew minflok it-taxxi eżistenti. L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti għandhom jinnotifikaw lil xulxin b'kull tibdil sostanzjali fit-tassazzjoni u miżuri ta' ġbir ta' informazzjoni relatati koperti bil-Ftehim.

Artikolu 4

Tifsiriet

1. Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, sakemm mhux iddefinit mod iehor:

a) il-frażi "Parti Kontraenti" tfisser Macao jew Malta skont ma teħtieġ ir-rabta tal-kliem;

b) il-frażi "Macao" tfisser ir-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Macao tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina; użata f'sens ġeografiku, tfisser il-peninsula ta' Macao u l-gżejjer ta' Taipa u Coloane;

ċ) il-frażi "Malta", meta tintuża f'sens ġeografiku, tfisser il-Gżira ta' Malta, il-Gżira ta' Għawdex u l-gżejjer l-oħra tal-arċipelagu Malti inklużi l-ibħra territorjali tagħhom, u kull area 'l barra mill-baħar territorjali ta' Malta li, kif hemm fid-dritt internazzjonali, kienet imsejħa jew tista' minn hawn 'il quddiem tissejjaħ, taħt il-liġi ta' Malta dwar il-Blata Kontinentali, bħala area li fiha jistgħu jiġu eżerċitati d-drittijiet ta' Malta dwar qiegħ il-baħar u s-sottoswol u r-riżorsi naturali tagħhom;

d) il-frażi "awtorità kompetenti" tfisser:

(i) fil-Macao, il-Kap Eżekkuttiv jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

(ii) f'Malta, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu;

e) il-frażi "persuna" tinkludi individwu, kumpanija u kull korp ta' persuni ieħor;

f) il-frażi "kumpannija" tfisser kull korp magħqud jew kull entità li tiġi ittrattata bħala korp magħqud għall-finijiet ta' taxxa;

g) il-frażi "kumpanija li tkun tidher fil-borża" tfisser kumpanija li jkollha l-klassi ta' ishma ewlenija tagħha elenkata f'borża rikonoxxuta sakemm l-ishma elenkati tagħha jkunu jistgħu jinxtraw jew jinbiegħu minnufih mill-pubbliku. Ishma jistgħu jinxtraw jew jinbiegħu "mill-pubbliku" jekk ix-xiri jew il-bejgħ ta' ishma ma jkunx impliċitament jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

espliċitament ristrett għal xi grupp limitat ta' investituri;

h) il-frażi "klassi ta' ishma ewlenija" tfisser dik il-klassi jew dawk il-klassijiet ta' ishma li jkunu jirrappreżentaw il-maġġoranza ta' ġemgħa ta' voti u l-valur tal-kumpannija;

i) il-frażi "borża rikonoxxuta" tfisser borża miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti;

j) il-frażi "fond jew skema ta' investiment kollettiv" tfisser kull vettura ta' investiment miġmugħ, irrispettivament mill-forma legali tiegħu. Il-frażi "fond jew skema pubbliċi ta' investiment kollettiv" tfisser kull fond jew skema ta' investiment kollettiv sakemm l-unitajiet, ishma jew interessi oħra fil-fond jew fl-iskema jistgħu jinxtraw, jinbiegħu jew jinfdew mingħajr ebda diffikultà mill-pubbliku. Unitajiet, ishma jew interessi oħra fil-fond jew fl-iskema jistgħu jinxtraw, jinbiegħu jew jinfdew mingħajr ebda diffikultà "mill-pubbliku" jekk ix-xiri, il-bejgħ jew il-fidwa ma jkunux impliċitament jew espliċitament ristretti għal grupp ta' investituri limitat;

k) il-frażi "taxxa" tfisser kull taxxa li għaliha japplika dan il-Ftehim;

l) il-frażi "Parti applikanti" tfisser il-Parti Kontraenti li titlob l-informazzjoni;

m) il-frażi "Parti mitluba" tfisser il-Parti Kontraenti mitluba tipprovdi informazzjoni;

n) il-frażi "miżuri ta' ġbir ta' informazzjoni" tfisser liġijiet u proċeduri amministrattivi jew ġudizzjarji li bihom Parti Kontraenti tkun tista' tikseb u tipprovdi l-informazzjoni mitluba;

o) il-frażi "informazzjoni" tfisser kull fatt, dikjarazzjoni jew *record* f'kull għamla li tkun.

2. Dwar l-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim f'kull żmien minn Parti Kontraenti, kull frażi li ma tkunx hemm imfissra għandu jkollha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra, it-tifsira li tkun tapplika f'dak iż-żmien taħt il-liġi ta' dik il-Parti, hekk li kull tifsira taħt il-liġijiet tat-taxxa applikabbli ta' dik il-Parti tkun tipprevali fuq xi tifsira mogħtija lill-frażi taħt liġijiet oħra ta' dik il-Parti.

Artikolu 5

Skambju ta' Informazzjoni Meta ssir Talba

1. L-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba għandha tipprovdi, meta tintalab, informazzjoni ghall-finijiet imsemmija fl-Artikolu 1. Dik l-informazzjoni għandha tiġi skambjata mingħajr ma jitqies jekk l-imġiba li tkun qed tiġi

VERŻJONI ELETTRONIKA

investigata tkunx tikkostitwixxi reat taħt il-liġijiet tal-Parti mitluba jekk dik l-imġiba tkun ġrat fil-Parti mitluba.

2. Jekk l-informazzjoni fil-pussess tal-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba ma tkunx biżżejjed biex il-Parti tkun tista' tikkonforma ruħha mat-talba għal informazzjoni, dik il-Parti għandha tuża kull miżura ta' ġbir ta' informazzjoni rilevanti biex tipprovdi lill-Parti applikanti l-informazzjoni mitluba, minkejja li l-Parti mitluba ma teħtieġx dik l-informazzjoni għall-finijiet tagħha tat-taxxa.

3. Jekk tiġi hekk speċifikatament mitluba mill-awtorità kompetenti tal-Parti applikanti, l-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba għandha tipprovdi informazzjoni taħt dan l-Artikolu, sakemm dan ikun permess li jsir taħt il-liġijiet interni tagħha, fil-forma ta' depożizzjonijiet ta' xhieda u kopji awtentikati ta' *records* oriġinali.

4. Kull Parti Kontraenti għandha tiżgura li l-awtoritajiet kompetenti tagħha għall-finijiet speċifikati fl-Artikolu 1 tal-Ftehim, ikollhom l-awtorità li jiksbu u jipprovdu meta hekk jintalbu:

a) informazzjoni miżmuma mill-banek, istituzzjonijiet finanzjarji oħra, u minn kull persuna, li tkun tiffunzjona f'kapaċità ta' aġent jew fiduċjarju, inklużi *nominees* u *trustees*;

b) informazzjoni li jkollha x'taqsam mas-sidien ta' kumpanniji, soċjetajiet, *trusts*, fondazzjonijiet, "Anstalten" u persuni oħra, inklużi, fil-limiti tal-Artikolu 2, informazzjoni dwar is-sidien fuq dawk il-persuni kollha f'katina ta' proprjetà; fil-każ ta' *trusts*, informazzjoni fuq *settlors*, *trustees* u benefiċjarji; u fil-każ ta' fondazzjonijiet, informazzjoni fuq il-fundaturi, membri tal-kunsill tal-fondazzjoni u benefiċjarji. Iktar minn hekk, dan il-Ftehim ma joħloq ebda obbligu fuq il-Partijiet Kontraenti biex jiksbu jew jipprovdu informazzjoni dwar kumpanniji li jkunu jidhru fil-borża pubblikament jew fondi jew skemi ta' investiment kollettiv pubbliċi, kemm-il darba dik l-informazzjoni tkun tista' tinkiseb mingħajr ma jingħata lok għal diffikultajiet sproporzjonati.

5. L-awtorità kompetenti tal-Parti applikanti għandha tipprovdi din l-informazzjoni li ġejja lill-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba meta tkun qegħda tagħmel talba għal informazzjoni taħt il-Ftehim biex turi r-rilevanza prevedibbli tal-informazzjoni għat-talba:

a) l-identità tal-persuna li tkun qegħda tiġi eżaminata jew investigata;

b) il-perjodu taż-żmien li dwarha hija mitluba l-informazzjoni;

ċ) dikjarazzjoni tal-informazzjoni miksuba inklużi x-xorta tagħha u l-forma kif il-Parti applikanti tkun tixtieq tirċievi l-informazzjoni mingħand

VERŻJONI ELETTRONIKA

il-Parti mitluba;

d) l-għan li dwaru tkun qegħda tintalab dik l-informazzjoni;

e) ir-raġunijiet għaliex jinħaseb li l-informazzjoni mitluba tkun prevedibbilment rilevanti għall-amministrazzjoni u l-infurzar tat-taxxa tal-Parti applikanti, fir-rigward tal-persuna identifikata fis-subparagrafu a) ta' dan il-paragrafu;

f) ir-raġunijiet għaliex jinħaseb li l-informazzjoni qegħda tinżamm għand il-Parti mitluba jew tkun fil-pussess jew il-kontroll ta' persuna fil-ġurisdizzjoni tal-Parti mitluba;

g) sakemm dawn ikunu magħrufin, l-isem u l-indirizz ta' kull persuna maħsuba li jkollha pussess tal-informazzjoni mitluba;

h) dikjarazzjoni li t-talba tkun konformi mal-liġi u mal-prattiċi amministrattivi tal-Parti applikanti, li jekk l-informazzjoni mitluba kienet tinkwadra fil-ġurisdizzjoni tal-Parti applikanti allura l-awtorità kompetenti tal-Parti applikanti kienet tkun tista' tikseb l-informazzjoni taħt il-liġijiet tal-Parti li titlob jew fil-kors normali tal-prattika amministrattiva u li tkun konformi ma' dan il-Ftehim;

i) dikjarazzjoni li l-Parti li titlob tkun segwiet kull mezz disponibbli fil-ġurisdizzjoni tagħha nnifisha biex tikseb l-informazzjoni, ħlief dik li tkun tagħti lok għal diffikultajiet sproporzjonati.

6. L-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba għandha tibgħat l-informazzjoni mitluba kemm jista' jkun malajr lil Parti applikanti. Sabiex tkun żgurata reazzjoni fil-pront, l-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba għandha:

a) tikkonferma bil-miktub li rċeviet it-talba lill-awtorità kompetenti tal-Parti applikanti u għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Parti applikanti b'defiċjenzi fit-talba, jekk hemm, fi żmien 60 ġurnata minn meta ġiet riċevuta t-talba;

b) jekk l-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba ma setgħetx tikseb u tipprovdi l-informazzjoni fi żmien 90 ġurnata minn meta ġiet riċevuta t-talba, inkluż jekk tiltaqa' ma' ostakoli fl-għoti tal-informazzjoni jew jekk tirrifjuta li tagħti l-informazzjoni, għandha tinforma minnufih lill-Parti applikanti, tispjega r-raġuni għall-inkapaċità tagħha, in-natura tal-ostakoli jew ir-raġunijiet għar-rifjut tagħha.

Artikolu 6

Eżami tat-Taxxa barra mill-Pajjiż

1. Parti Kontraenti tista tippermetti, skont il-liġijiet interni tagħha, lil

VERŻJONI ELETTRONIKA

rappreżentanti tal-awtorità kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra jidħlu fil-ġurisdizzjoni tal-ewwel imsemmi Parti biex jintervistaw individwi u jeżaminaw *records* bil-kunsens mogħti bil-miktub tal-persuni kkonċernati. L-awtorità kompetenti tat-tieni imsemmi Parti għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-ewwel imsemmi Parti bil-ħin u l-post meta għandhom jiltaqgħu mal-individwi kkoncernati.

2. Fuq talba tal-awtorità kompetenti ta' waħda mill-Parti Kontraenti, l-awtorità kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra tista' tippermetti lil rappreżentanti tal-awtorità kompetenti tal-ewwel imsemmi Parti li jkunu preżenti fil-parti adatta tal-eżami tat-taxxa fit- tieni imsemmi Parti.

3. Jekk it-talba msemmija fil-paragrafu 2 tintlaqa', l-awtorità kompetenti tal-Parti Kontraenti li tkun qegħda tmexxi l-eżami għandha, kemm jista' jkun malajr, tinnotifika lill-awtorità kompetenti tal-Parti oħra bil-ħin u l-post tal-eżami, l-awtorità jew min ikun l-uffiċjal appuntat biex jagħmel l-eżami u l-proċeduri u l-kundizzjonijiet meħtieġa mill-ewwel imsemmi Parti biex tmexxi l-eżami. Kull deċiżjoni li jkollha x'taqsam mat-tmexxija tal-eżami tat-taxxa għandha ssir mill-Parti li tkun qegħda tmexxi l-eżami.

Artikolu 7

Possibbiltà li Talba tiġi Rifjutata

1. Il-Parti mitluba m'għandhiex tkun meħtieġa tikseb jew tipprovdi informazzjoni li l-Parti applikanti ma tkunx tista' tikseb taħt il-liġijiet tagħha stess minħabba f'finijiet ta' amministrazzjoni jew infurzar tal-liġijiet tat-taxxa tagħha stess. L-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba tista' tirrifjuta milli tassisti meta t-talba ma ssirx b'mod konformi ma' dan il-Ftehim.

2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim m'għandhomx jimponu fuq Parti Kontraenti l-obbligu li tforni informazzjoni li tiżvela xi sigriet tal-kummerċ, negozju, industrijali, kummerċjali jew xi sigriet professjonali jew proċess tal-kummerċ. Minkejja dak imsemmi qabel, informazzjoni tax-xorta msemmija fil-paragrafu 4 tal-Artikolu 5 m'għandhiex tiġi ttrattata bħala sigriet jew proċess tal-kummerc sempliċement għaliex dan ikun konformi mal-kriterji li jinsabu f'dak il-paragrafu.

3. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim m'għandhomx jimponu fuq Parti Kontraenti l-obbligu li tikseb jew tipprovdi informazzjoni, li tkun tiżvela komunikazzjonijiet kunfidenzjali bejn klijent u avukat, prokuratur legali jew xi rappreżentant legali ieħor permess meta dawk il-komunikazzjonijiet ikunu:

a) saru għall-finijiet li jinkiseb jew jiġi provdut parir legali; jew

b) saru għall-finijiet li jintużaw fi proċedimenti legali diġà istitwiti jew li jkunu qegħdin jiġu kontemplati li jiġu istitwiti.

4. Il-Parti mitluba tista' tirrifjuta talba għal informazzjoni jekk l-iżvelar tal-informazzjoni jkun imur kontra l-ordni pubbliku (*ordre public*).

5. Talba għal informazzjoni m'għandhiex tiġi rifjutata għar-raguni li t-talba għat-taxxa li tagħti lok għat-talba hija kkontestata.

6. Il-Parti mitluba tista' tirrifjuta talba għal informazzjoni jekk l-informazzjoni tkun mitluba mill-Parti applikanti biex tamministra jew tenforza xi dispożizzjoni tal-liġi tat-taxxa tal-Parti applikanti, jew xi ħtieġa li jkollha x'taqsam ma' dan, li tkun tiddiskrimina kontra residenti jew ċittadin tal-Parti mitluba kif paragunat ma' residenti jew ċittadin tal-Parti applikanti fl-istess ċirkostanzi.

Artikolu 8

Kunfidenzjalità

Kull informazzjoni li tiġi riċevuta minn Parti Kontraenti taħt dan il-Ftehim għandha tiġi ttrattata bħala kunfidenzjali u tista' tiġi biss żvelata lil persuni jew awtoritajiet (inklużi qrati u korpi amministrattivi) fil-ġurisdizzjoni tal-Parti Kontraenti li jkollha x'taqsam mal-istima jew il-ġbir ta', infurzar jew prosekuzzjoni fir-rigward ta', jew id-deċiżjoni ta' appelli dwar, it-taxxi imposti minn Stat Kontraenti. Dawk il-persuni jew awtoritajiet għandhom jużaw dik l-informazzjoni għal dawk il-finijiet biss. Huma jistgħu jiżvelaw l-informazzjoni fi proċedimenti tal-qorti pubbliċi jew f'deċiżjonijiet ġudizzjarji. L-informazzjoni ma tistax tiġi żvelata lil xi persuna jew entità jew awtorità oħra jew lil xi ġurisdizzjoni oħra mingħajr il-kunsens espress mogħti bil-miktub mill-awtorità kompetenti tal-Parti mitluba.

Artikolu 9

Spejjeż

Inċidenza ta' spejjeż imġarrba fil-provvediment ta' assistenza għandha tiġi miftiehma mill-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti.

Artikolu 10

Leġislazzjoni tal-Implimentazzjoni

Il-Partijiet Kontraenti għandhom jgħaddu kull liġi meħtieġa biex jikkonformaw ruħhom ma', u jagħtu effett, lill-pattijiet ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 11

Proċedura dwar Ftehim Reċiproku

1. Meta bejn il-Partijiet jqumu diffikultajiet jew dubji dwar l-implimentazzjoni jew l-interpretazzjoni ta' dan il-Ftehim, l-awtoritajiet

VERŻJONI ELETTRONIKA

kompetenti rispettivi għandhom iħabirku biex jirrisolvu l-kwistjoni bi ftehim reċiproku.

2. B'żieda ma' kull ftehim imsemmi fil-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti jistgħu jaqblu reċiprokament fuq il-proċeduri li għandhom jintużaw taħt l-Artikoli 5 u 6.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Partijiet Kontraenti jistgħu jikkomunikaw ma' xulxin direttament għal finijiet li jintlaħaq ftehim skont dan l-Artikolu.

Artikolu 12

Bidu fis-Seħħ

1. Kull Parti Kontraenti għandha tavża lill-Parti Kontraenti l-oħra bil-miktub meta tkun temmet il-proċeduri meħtieġa bil-liġi tagħha sabiex jidħol fis-seħħ dan il-Ftehim

2. Dan il-Ftehim għandu jibda jseħħ tletin jum wara li jkun ġie riċevut l-aħħar minn dawn l-avviżi u dan għandu jkollu effett dwar perjodi ta' taxxa li jibdew fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena li taħbat minnufih wara dik id-data li l-Ftehim jidħol fis-seħħ, jew meta ma jkunx hemm ebda perjodu ta' taxxa, dwar kull talba ta' ħlas ta' taxxa li toriġina fi jew wara l-ewwel jum ta' Jannar tas-sena li taħbat minnufih wara d-data li fiha l-Ftehim jidħol fis-seħħ.

Artikolu 14

Terminazzjoni

1. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ sakemm jiġi terminat minn Parti Kontraenti. Parti Kontraenti waħda jew l-oħra tista' ttemm il-Ftehim billi tagħti avviż ta' terminazzjoni bil-miktub lill-Parti Kontraenti l-oħra. F'dak il-każ, il-Ftehim ma jibqax ikollu effett mill-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara t-tmiem ta' perjodu ta' sitt xhur wara d-data li jiġi riċevut l-avviż ta' terminazzjoni mill-Parti Kontraenti l-oħra.

2. F'każ ta' terminazzjoni, il-Partijiet Kontraenti għandhom jibqgħu marbutin bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 dwar kull informazzjoni miksuba taħt dan il-Ftehim.

B'xhieda ta' dan il-persuni hawn taħt iffirmati, kif debitament awtorizzati għaldaqstant iffirmaw dan il-Ftehim.

MAGĦMUL f'Beijing dan it-30 jum ta' Mejju 2013, in duplikat fil-lingwa Ingliża, Ċiniża u Portugiża, t-testi kollha awtentiċi ndaqs. F'każ ta' xi diverġenza, t-test Ingliż għandu jipprevali.

Għall-Gvern ta' Malta:	Għall-Gvern tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina
Dr. Joseph Cassar Ambaxxatur ta' Malta għar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Tam Pak Yuen Segretarju għall-Ekonomija u l-Finanzi